MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 83/2007/1

**Mark Portelli**

**vs**

**Raniero Sirol**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Jannar 2007, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira maltija llum ekwivalenti ghal Euro3,494.06c rapprezentanti kwantu ghal Lm400 bhala refuzjoni ta' depositu li kien thallas lill-konvenut fuq inkariku lilu moghti ghal xogholijiet

fuq il-lancja proprjeta tal-attur bl-isem Carpe Diem, in kwantu ghas-somma ta’ Lm483.05c bhala l-prezz tal-materjal u injam imhallas mill-attur ghax-xogholijiet in kwistjoni u kwantu ghar-rimanenti bilanc bhala danni sofferti mill-attur minnhabba l-abbandun effettiv da parti tal-konvenut fuq l-inkariku lilu moghti, ta’ xoghol difettuz esegwit mill-konvenut li ma sarx skond is-sengha u l-arti u kif ukoll ghal telf ta’ uzu tad-dghajsa.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 20 ta’ Marzu 2007 fejn ikkontesta t-talbiet attrici in vista tal-fatt li x-xoghol gie esegwit skond is-sengha u l-arti u fiz-zmien pattwit. Il-materjal u l-injam gie uzat fuq id-dghajsa ta’ l-attur u l-istess attur gabar hwejgu kollha minghand il-konvenut fit-23 ta’ Gunju 2003; l-eccipjent kien ircieva depositu akkont fl-ammont ta’ Lm100 u mhux Lm400 kif allegat mill-attur. L-allegati danni reklamati mill-attur inkluz nuqqas ta’ uzu b’ebda mod ma jista jigi attribwit lill-konvenut. Oltre dan id-danni pretizi huma ezagerati.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-attur.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet u kif ukoll id-dokumenti esebiti.

Ha konjizzjoni tan-noti ta osservazzjonijiet prezentati miz-zewg nahat.

Ikkunsidra.

L-attur jispjega li huwa kien inkarika lill-konvenut sabiex jaghmillu ix-xoghol kollu li ghandu x’jaqsam ma l-injam ghar-refurbishing tad-dghajsa tieghu. Il-ftehim kien wiehed verbali. Id-diskors sar ghal habta ta’ Marzu 2006 filwaqt li l-konvenut beda jahdem fl-4 ta’ April 2006. Dwar prezzijiet gie

miftiehem li l-konvenut jithallas is-somma ta' Lm600 inkluz il-VAT apparti l-materjal li kellu jithallas mill-istess attur ghalkemm mixtri mill-konvenut. Aktar tard il-prezz pattwit ghal mano d'opera tela ghal Lm800. Kien hemm anke diskors fis-sens li x-xoghol kien sejjer jitlesta wara cirka hames gimghat. Prezenti ghal dan il-ftehim verbali kien hemm ukoll certu Alan Friggieri. Il-konvenut beda jahdem fuq id-dghajsa billi l-ewwel qala kollox, xtara l-ewwel konsenja ta' l-injam u beda jahdem minn gewwa l-garage tieghu filwaqt li d-dghajsa baqghet fejn id-dar ta' l-attur. Wara xi gimghatejn il-konvenut beda jiffittja x-xoghol fuq id-dghajsa u kompla jahdem minn fuq id-dghajsa. L-attur ighid li meta rrimarka fuq xi xoghol li ma ghogbux, il-konvenut kien iwiegbu li kellu jara x-xoghol finished. Meta l-konvenut baqa ma spiccax mill-inkarigu tieghu wara l-moghdija ta' xi erba xhur, l-attur rega avvicinah u insista mieghu li jtieh 'target date' meta kien behsiebu jispicca. F'dan l-istadju l-attur ikkalkola li kien ghad ghamel biss nofs ix-xoghol miftiehem. Il-konvenut wiegbu li kien ser ilesti sa tarf il-gimgha ta' wara u in segwitu talab gimgha ohra. Pero f'mument minnhom meta l-attur kien irrabja mal-konvenut il-ghaliex ma kienx lesta, il-konvenut telaq ix-xoghol u ha l-ghodda mieghu. Meta l-attur ikkomunika mieghu ta' l-ahhar informah li ma kienx ser ikompli u biex isib lil xi hadd iehor. Skond l-attur il-konvenut tah zewg ragunijiet, wahda li l-inkariku ma kienx aktar vijabbli ghalih u t-tieni peress illi t-tabib kien tah parir li dan ix-xoghol ma kienx ta' gid ghal sahhtu. Sa dan il-hin, l-attur jallega li kien gia hallas is-somma ta' Lm400 f'kontanti lill-konvenut ta' idejh biss apparti s-somma ta' Lm483.05c ghal materjal u dana kif jirrizulta minn rendikont esebit u markat Dok MP1. Dwar l-Lm400 li hallas lill-konvenut ta' idejh, l-attur ighid li ma kien inghata ebda ricevuta ghalkemm fl-ewwel okkazzjoni meta hallsu Lm200 kien hemm prezenti Alan Friggieri. In segwitu meta kien tah Lm200 ohra pero ma kien hemm hadd prezenti.

L-attur spicca biex qabbad mastrudaxxa iehor sabiex jispicca fejn halla l-konvenut pero l-ideja kienet li dan it-tieni mastrudaxxa jlesti ta' fuq fuq peress li l-attur kien mghaggel biex ivara. Fl-istess nifs pero l-attur jallega li dan it-tieni mastrudaxxa jismu Tony Pisani kien tah parir biex jahdem kollox mill-gdid cioe jaqla x-xoghol mahdum mill-konvenut. Ighid ukoll li lill-konvenut kien informah b'dan permezz ta' ittra legali esebita u markata Dok MP2. Fil-fatt ighid li x-xoghol li nqala ghadu mizmum minnu. L-attur jikkonferma pero li huwa kien gabar minghand il-konvenut il-materjal li kien ghad fadal mixtri minn butu u liema materjal ntuza in parti fuq id-dghajsa minn Pisani. Dan kien ingabar fil-presenza ta' Friggieri. Gew esebiti diversi ritratti li juru x-xoghol li ghamel il-konvenut fuq id-dghajsa. Minn ezami tal-istess ritratti, it-Tribunal seta jinnota li ghalkemm jidher li x-xoghol kien ghadu mhux iffinixxjat pero jidher evidenti l-injam il-gdid li gie nstallat.

L-attur ighid ukoll li d-dghajsa seta jvarha biss fl-ewwel gimgha ta' Settembru u ghalhekk gie kostrett jiccarterja dghajsa ohra f'zewg okkazzjonijiet f'dak is-Sajf.

In kontro-ezami l-attur jammetti li kien pinga xi sketches sabiex il-konvenut jahdem fuqhom pero jinnega li tali sketches huma dawk indikati fil-fax Dok SR 10. Ighid pero li ma zammx kopja tal-isketches li ghamel hu. Inoltre in kontro-ezami jikkoregi ruhu dwar il-pagamenti maghmula fis-sens illi fl-ewwel okkazzjoni jghid li kien hallsu Lm100 u mhux Lm200 kontra dak li qal qabel u kif ukoll kontra li ighid Friggieri u fit-tieni okkazzjoni hallsu Lm300 in kontanti xi gimgha qabel ma spicca u cioe f'perjodu ta' zmien meta donnu kien gia qed iberraq l-inkwiet bejniethom u meta gia kien qed jallega li ma kienx kuntent bix-xoghol mahdum. It-Tribunal isib li tali verzjoni gdida ma hiex daqstant kredibbli. Fil-fatt l-attur ma gharafx

jaghti spjegazzjoni plawsibbli u kredibbli ghal dan it-tibdil. Ikompli jafferma li kien minnu li l-konvenut kien lesta x-xoghol kollu ta’ barra u fuq daqshekk ma kellux problema mieghu. Jikkonferma wkoll li fl-istess perjodu ta’ zmien meta kien qed jahdem il-konvenut kien qed isir ukoll xoghol ta’ spray fuq id-dghajsa kif aktar il-quddiem gie spjegat ukoll mill-istess konvenut. L-attur ighid li huwa qabbad il-mastrudaxxa l-gdid xi gimgha wara li spicca l-attur (kwindi bidu ta’ Lulju) u dana bl-inkariku li jlesti fuq fuq minn barra biex ikun jista jvara. Ghalkemm dan dam tliet ijiem biss, hija nspjegabbli kif allura jghid li varha f’Settembru. Meta mistoqsi fuq id-data ezatta meta nizlet il-bahar ma gharafx iwiegeb u kellu jivverfika sewwa. Ix-xhud tieghu Friggieri in kontro-ezami jafferma li din giet varata ghal bidu ta Awwissu u mhux f’Settembru. Meta mistoqsi fuq ix-xoghol li kien baqa fuq gewwa, l-attur deher evasiv fir-risposti tieghu u jafferma li fi kwalunkwe kaz ma kienitx fi stat li jistieden in-nies u ddecieda li jaccarterja ohrajn fis-sajf peress illi kienu gejjin il-kugini minn barra u mhux il-ghaliex id-dghajsa tieghu ma kienitx ghadha varata. Fl-istess kontro-ezami l-attur ikompli jitfa aktar dawl fuq is-sitwazzjoni vera tal-boat fis-sens li jammetti li t-tieni mastrudaxxa kemm ghamel xoghol hafif fuqha biex ikun jista jvara u t-tielet mastrudaxxa li qabbad biex jikkompleta x-xoghol mibdi mill-konvenut kien ghadu fil-fatt lanqas biss beda jahdem fuqha.

Ix-xhud Alan Friggieri jikkonferma dak li qal l-attur dwar il-ftehim verbali li kien hemm mal-konvenut fuq l-inkariku moghti nkluz fuq il-prezzijiet miftiehma u z-zmien li kellu jitlesta. Jikkonferma wkoll li l-ewwel Lm200 bhala depositu akkont kienu fil-fatt thallsu mill-attur lill-konvenut quddiemu stess. Huwa jafferma li kien jara lill-konvenut jahdem fuq id-dghajsa pero ma kienx jigi ta’ kuljum u meta jigi l-aktar wara nofs in-nhar. Dan ix-xhud ighid li l-konvenut kien qallu biex ighid lill-

attur biex ighaddilu somma ulterjuri ta' Lm200 u wara xi ftit l-istess konvenut kien ikkonfermalu li dan it-tieni ammont fil-fatt kien ircevieh. Jiftakar li meta l-konvenut waqaf jahdem fuq id-dghajsa ghal habta ta' Gunju, x-xoghol pattwit kien ghadu mhux lest kollu ghalkemm minn gewwa kien jidher komplut pero mhux finixxjat pulit. Dan ix-xhud jissokta jghid li l-konvenut kien cempillu sabiex imorru jigbru l-materjal minghandu kif fil-fatt ghamlu. Meta staqsew ghal materjal li originarjament kien hemm fuq id-dghajsa u li kien inqala, ix-xhud u l-attur gew informati li dan kien intrema. In kontro-ezami dan ix-xhud ighidli d-dghajsa giet varata ghal bidu ta Awwissu 2006 mhux f'Settembru.

L-attur ipprezenta survey report guramentat minn Ronald Axiak li jinsab datat 6 ta Lulju 2006. Jigi notat li l-ewwel erba punti ndikati f'dan ir-rapport ma kienux maghrufa personalment lid-dikjarant pero semplicement nizzel dak li gie rappurtat lilu mill-attur. Jikkummenta fuq il-'present status of works' fis-sens illi kien ghad jonqos biss x'jitlesta madwar 40% tal-*'interior Wall and Ceiling lining'* – il-bqija kollox kien lest. Minn gewwa kien ghad jonqos li jsir xi 'trimmings' – l-'under sink unit' u l-'fridge encasement cupboard'. Minn barra ix-xoghol kien bazikament kollu lest. Jaghlaq biex ghadda kummenti ta' kritika fuq il-kwalita tax-xoghol esekwit mill-konvenut b'riferenza ukoll ghar-ritratti esebiti u ta l-parir sabiex certu xoghol jinqala u jerga jsir mill-gdid.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jispjega li ghalkemm il-ftehim kien verbali, pero certu xoghol gie assenjat lilu a bazi ta' skizzi ppreparati minnu li gew trasmessi u approvati mill-attur. Ighid li kienu miftiehma li x-xoghol kellu jibda lejn l-ahhar ta April u jafferma li l-prezz pattwit kien ta' Lm500 (mhux Lm600) li in segwitu zdied b'Lm100 (mhux Lm200), b'kollox Lm600 (mhux Lm800). Il-konvenut ighid li huwa thallas biss Lm100 (mhux

Lm200) fil-bidu u xejn aktar minn hekk (Dok SR2 u Dok SR10). Ighid ukoll li meta l-attur zdiedlu x-xoghol, il-konvenut kien qallu mill-ewwel li ma kienx ser jilhaq ilesti f'xahrejn pero l-attur deher li kien accetta li jdum aktar basta li jkun jista jvarha u x-xoghol li jkun fadal jithaddem fuq il-bahar. Ix-xoghol kien qed jigi esekwit kemm mill-workshop tal-konvenut u kif ukoll fuq id-dghajsa stess. Il-konvenut ighid li kien jiehu hafna hin gej u sejjer lejn id-dghajsa u l-workshop apparti l-fatt li kien zammu wkoll lura fix-xoghol l-ordni tal-*'istainless steel fittings'*.

Il-konvenut jistqarr li huwa baqa dejjem jikkonsulta ma l-attur u qabel ma nstalla fuq id-dghajsa kull bicca xoghol dejjem gab minn qabel l-approvazzjoni tieghu. Kien hemm zmien ukoll meta kellu jieqaf minhabba x-xoghol tal-ispray. Barra minnhekk kull meta hadem tal-ispray, il-konvenut kien qed jigi kostrett li jaqla x-xoghol lest u jerga jqieghdu sabiex ma jigix milqut mill-ispray.

Il-konvenut jafferma li huwa kien informa lil Friggieri li kien ser jerfa mix-xoghol lejn nofs Gunju ghal xi ftit jiem minnhabba problemi ta' sahha anzi kien qallu sabiex fil-frattemp ikun jista jahdem l-*'electrician'* fuq id-dghajsa. (Dok SR4). Wara li rritorna ghax-xoghol mill-Isptar, il-konvenut ighid li l-attur beda jkollu komportament aggressiv fil-konfront tieghu u ma bedhiex jemmnu li kien qed ihossu marid. Lejn l-ahhar ta' Gunju, il-konvenut ighid li Friggieri kien informah biex ma jahdimx aktar fuq id-dghajsa u ghalhekk il-konvenut qallu sabiex jigu ghall-affarijiet u materjal taghhom kif fil-fatt ghamlu fit-23 ta' Gunju 2006. Eventwalment irrizulta li l-konvenut tassew kien marid tant illi kellu jigi operat (Dok SR5) u baqa' jiehu l-kura sa l-ahhar ta' Settembru 2006 (Dok RF1). F'Ottubru 2006 mardet martu u kellha tigi operata b'urgenza f'Londra f'Novembru 2006 u baqghu hemm sa Dicembru 2006. Il-konvenut jafferma li mhux talli ma hadimx xoghol iehor

ghall-klijenti ohra izda sahansitra kellu jinghata ghajnuna mill-*‘Community Chest Fund’.*

Il-konvenut jispjega li l-lancja baqghet ma gietx varata peress illi l-*‘antifouling’* ma kienx lest u kif ukoll ghax kellha l-hsara fil-finn – cioe zewg fatturi li ma kienux jiddependu minnu.

Fix-xhieda tieghu, l-konvenut ikompli jispjega f’aktar dettall x’kien l-inkariku lila moghti. Per ezempju jammetti li kellu jaghmel *‘unit’* ghas-sink u ‘unit‘ ohra ghal *fridge*. Spjega wkoll li maz-zmien, l-attur zdiedlu x-xoghol tant li kien mistenni mill-konvenut li dan jaghmel ir-*‘refurbishing’* kollu tal-injam minn gewwa u minn barra. Huwa jesebixxi sensiela ta’ ritratti biex jispjega ruhu ahjar dwar il-kondizzjoni li kienet fiha d-dghajsa u x-xogholijiet minnu esegwiti. Huwa jinsisti li x-xoghol minn barra kien kollu lest kif *del resto* ammess mill-istess attur filwaqt li fuq gewwa kien fi stadju avvanzat u prattikament kien ghad jonqos biss xi *‘finishes’*. Id-dghajsa setghet facilment titnizzel fil-bahar peress illi x-xoghol li kien fadal seta jsir ukoll fuq il-bahar.

In kontro-ezami l-konvenut jibqa jinsisti li huwa thallas biss darba u dan fl-ammont ta’ Lm100 u liema hlas ma kienx sar quddiem Friggieri.

Joseph Zammit l-isprayer ighid illi meta hadem fuq id-dghajsa tal-attur fil-post fejn kienet, kien hemm il-konvenut ukoll qed jahdem fuqha u jikkonferma dak li qal l-istess konvenut cioe li dan ta l-ahhar kellu jieqaf mix-xoghol tieghu waqt li Zammit kien ghaddej bl-ispray minhabba l-foga li jhalli l-ispray.

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob is-segwenti ammonti minnghand il-konvenut:-

a. Refuzjoni tal-ammont allegatament imhallas ta Lm400.

b. Refuzjoni tal-ammont ta Lm483.05c prezz tal-materjal.
c. Somma bilancjali li tirraprezenta d-danni sofferti minnhabba abbandun, dewmien, xoghol difettuz u chartering ta’ dghajsa alternativa.

Illi hemm konflitt fil-provi dwar kemm rejalment thallas il-konvenut minghand l-attur cioe Lm100 jew Lm400. Fl-ewwel lok jinghad pero li l-attur fuq min tinkombi l-oneru tal-prova naqas li jressaq provi soddisfacenti f’dan ir-rigward. Anzi jekk wiehed jara d-divergenzi fix-xhieda tieghu bejn l-ezami u l-kontro-ezami, dan iwassal biex jiskredita lill-istess attur. Fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz jinghad illi anke li kieku l-konvenut kien tassew thallas is-somma ta’ Lm400 il-ghala ghandu jirrifondiha lura jekk minn imkien ma rrizulta li dan thallas zejjed ghax-xoghol effettivament esegwit minnu. L-allegazzjoni li x-xoghol mahdum minnu tant kien hazin li ghandu jinqala kompletament mhux biss gietx ipprovata soddisfacentement izda sahansitra rrizulta ex admissis mill-istess attur li ghadu ma sar ebda xoghol riparatorju fuq l-istess dghajsa u li ghadu jsalpa biha bix-xoghol mahdum mill-konvenut.

Illi dwar ir-refuzjoni tal-flus mahruga ghal materjal wiehed ma jistax jifhem kif il-konvenut jista jippretendi li jiehu dawn il-flus lura meta huwa ghadu qed jaghmel uzu minn dan l-istess materjal li qed jilmenta dwaru. Barra minnhekk lanqas ma ngabet prova kemm u jew liema mill-materjal indikat fil-lista tieghu Dok MP1 ma jistax jibqa jintuza ossia li jrid jinqala  u jigi rimpjazzat. Difatti ghalkemm hemm allegazzjoni ta’ xoghol difettuz dan ghadu sallum ma giex riparat u ghalhekk wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni jekk tali riparazzjoni jehtieg necessarjament bdil u rimpjazzament ta’ l-injam gia installat o meno. Jigi osservat ukoll li l-attur stess ammetta li dwar ix-xoghol ta’ barra li kien kwazi kollu lest ma kellu ebda problemi partikolari – Mela ghal liema

materjal qieghed l-attur jitlob ir-refuzjoni tieghu? Meta kif gia nghad dan ghadu jinsab imqieghed fuq il-lancja

Illi dwar id-danni ulterjuri li qieghed jitlob l-attur, huwa naqas ghal kollox li jgib xi forma ta prova dwar l-ammont bilancjali li qed jitlob f'dan ir-rigward. Huwa jallega abbandun meta rrizulta li l-konvenut twaqqaf minn xogholu fuq struzzjoni moghtija mill-istess attur u dana apparti l-fatt li l-konvenut ressaq provi soddisfacenti li jindikaw ragunijiet valida li kellu biex jerfa mix-xoghol ghal ftit granet. Jallega xoghol difettuz meta fl-istess nifs ma jressaq ebda prova dwar il-valur monetarju ta' tali difetti jew ta' l-anqas tal-ammont rikjest biex tirrepara tali difetti. Mhux talli l-attur naqas li jgib il-provi tal-valur tad-difetti, mhux talli naqas li jgib provi dwar il-valur mehtieg biex tirrepara l-istess izda sahansitra rrizulta mhux kontestat li l-attur baqa sallum jaghmel uzu u jinqeda pjenament mid-dghajsa u mill-allegati difetti li fiha. Jallega chartering ta' dghajsa ohra pero fl-istess nifs jonqos li jressaq prova wahda dwar kemm swietlu tali charter jew charters u z-zmien meta suppost kera l-istess. Anzi rrizulta se mai fuq ammissjoni tal-istess attur in kontro-ezami li dawn ic-charters saru meta d-dghajsa kienet gia varata pero skond hu ma kinietx f'kondizzjoni akkoljenti bizzejjed biex takkomoda lill-kugini tieghu li gew minn barra. Hawnhekk l-attur certament naqas mill-obbligu tieghu li jfittex li jimminimizza d-danni u ghalhekk ic–charters gew kontrattati ghal gost u l-pjacir tieghu u ghar-riskju tieghu pero certament mhux ghax hekk kien mehtieg.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma li mhux talli l-attur ma hu ntitolat ghall-ebda refuzjoni izda se mai huwa l-istess konvenut li ghandu jew kellu l-jedd li jitlob li jithallas ghal valur tax-xoghol minnu debitament esegwit.

> It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, kwindi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess attur.”

Koncizament, l-appell ta’ l-attur fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu artikolat fuq l-ilment illi t-Tribunal ma ezaminax kif jixraq il-premessi tat-talba tieghu. Jigifieri, illi x-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut ma sarux skond l-arti u s-sengha, ma tlestewx skond kif pattwit minhabba abbandun u dewmien, u minhabba nuqqas ta’ hila fl-ezekuzzjoni ta’ l-istess xoghlijiet li saru hazin u b’mod difettuz;

Huwa accettat mill-appellanti fil-korp ta’ l-appell tieghu illi l-kaz in ispecje jitratta minn kwestjoni ta’ apprezzament ta’ provi. Provi dawn li din il-Qorti m’ghandhiex, ghalfejn toqghod tirriproduci in kwantu huma dettaljatament imtennija fil-parti espozittiva tas-sentenza appellata. Kif taraha din il-Qorti, in partikolari dawn l-istess provi jippartecipaw maggorment minn zewg aspetti, u cjoe, (i) l-allegat abbandun mill-konvenut, u (ii) l-allegati danni subiti minhabba xoghol teknikament inadegwat. Logikament, fil-konsiderazzjoni ta’ dawn l-aspetti ma jistax jonqos illi l-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, tiffoka ruhha wkoll, b’gudizzju diskrezzjonali, fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` tax-xhieda;

Ghar-ricerka formativa dwar il-punt ta’ l-abbandun allegat, il-fatti istruttorji jindividwaw zewg versjonijiet kontrastanti. Il-wahda, dik ta’ l-attur appellant fejn dan jirreferi ghall-okkazjoni li fiha rrabja mal-konvenut minhabba dewmien fl-ikkompletar tax-xoghlijiet u l-konvenut ha l-ghodda mieghu u, wara jumejn, qallu li ma kienx ser jersaq aktar fuq l-lant tax-xoghol (ara xhieda ta’ l-attur a fol. 9). L-ohra, dik tal-konvenut li jghid li hu assentixxa ruhu ghal xi granet minhabba raguni ta’ marda li ghaliha eventwalment gie operat (ikkonfermat mid-dokument relattiv ta’ l-Isptar a fol. 52) izda li l-attur ma emminx li dak kien hekk il-kaz u

insista, anzi, li kien qed jivvinta. Ghall-konvenut, kien l-attur li keccieh minn fuq ix-xoghol (ara Affidavit tieghu a fol. 44) u agguntivament kif johrog mill-kontro-ezami, innega li hu qal lill-attur li ma setax ikompli minhabba raguni ta' sahha (fol. 66);

Wisq korrettement, fil-hsieb tal-Qorti, it-Tribunal emmen l-versjoni tal-konvenut bhala li tqarreb aktar lejn il-verita` skond it-test tal-kredibilita` u specjalment tal-konsistenza u verosimiljanza ghal skop ta' konvinciment. Dan skond il-kriterji estensivament traccjati fis-sentenza maghrufa tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Novembru 1966 in re: "**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**". Dan mhux minghajr raguni in kwantu, fil-kumpless u in bazi ghac-certezza morali, il-provi jattestaw illi l-probabilita` hi dik li tabilhaqq kien l-attur appellanti li ttermina l-appalt, u mhux vice-versa. Fic-cirkostanzi, il-Qorti mhix inklinata li tiddisturba d-diskrettiva tat-Tribunal fuq din il-materja;

Ovvjament, ix-xoljiment *ad nutum* ta' l-appalt mill-appellanti seta' dejjem isir minnu "u dan bla htiega ta' ebda awtorita` jew konferma mill-Qorti" [Artikolu 1640 (5), Kodici Civili], f'liema kaz, il-qaghda kienet tattira lejha d-dispost tas-subinciz (2) jew tas-subinciz (3) ta' l-istess Artikolu 1640. Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni tat-tieni aspett fuq accennat u li, koncettwalment, jikkomprendi allegata inadempjenza tal-konvenut ghal liema l-appellanti ppretenda r-rizarciment tad-danni;

Indubitament, bhala konsiderazzjoni generali ta' dritt, il-ligi taghti lill-kommittent dik it-tutela fl-ambitu tar-responsabilita` kontrattwali ghal kaz fejn l-appaltatur inkarigat minnu jonqos fl-adempiment korrett u skond ir-regoli tas-sengha u ta' l-arti. Din it-tutela tista', bhal fl-istanza proposta mill-attur appellanti, tiehu l-forma ta' azzjoni ghad-danni derivanti minn xoghol inezatt u difettuz. Dan hu hekk skond il-principju generali tad-dritt fl-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod anke hawnhekk tirriepiloga l-obbligazzjonijiet ta' l-

appaltatur li n-non-osservanza taghhom tissarraf f'danni, anke ghaliex il-gurisprudenza prevalenti tabbunda fuq dan il-punt, kif illustrat f'dawn l-ezemplari: "**Pierre Darmanin -vs- Moira Agius**", Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2004 u "**George Spiteri *nomine* -vs- Peter Paul Testaferrata Moroni Viani**", Appell Superjuri, 9 ta' Jannar, 2009. Tillimita ruhha biex tirrafferma l-osservazzjoni illi d-danni, ghal-liema jirreferi l-predett artikolu, iridu jkunu reali, attwali u in korrispondenza ma' l-accertament tax-xoghlijiet hekk dikjarati inidoneji;

F'dan il-kaz l-appellanti jiddenunzja lill-konvenut, appaltatur tieghu, illi x-xoghlijiet ezegwiti minn dan ma kienux, ghal dik li hi bonta taghhom, skond id-dettami ta' l-arti teknika, u lanqas adegwati ghall-iskop li ghalih ix-xoghlijiet kommissjonati kienu intizi. L-appellanti jikkampa din l-allegazzjoni tieghu fuq l-opinjoni tat-tekniku *ex parte* imqabbad minnu u fejn dan, fil-perizja tieghu, iddetermina illi x-xoghlijiet kienu ta' kwalita` inaccettabbli u li d-difformitajiet kienu jaffettwaw il-kwazi totalita` ta' l-istess xoghlijiet tant li, skond hu, ghandhom jigu rimpjazzati;

Premess dan, evidentement il-konstatazzjoni ta' allegati vizzji fix-xoghlijiet tibqa' materja ta' fatt li trid tigi valutata u kkontrollata fil-kwadru generali u unitarju tal-provi minn min hu msejjah biex jiggudika. Dan anke ghaliex, kif saput, ir-rizultat ta' kull verifika li ssir minn parti, anke jekk permezz ta' l-awzilju ta' espert, tirrapprezenta accertament tekniku li jibqa' wiehed unilaterali u, *ut sic*, ma jikkostitwix ghall-gudikant fonti objettiva ta' accertament ta' htija fl-appaltatur, u, allura, mhux bilfors jivvinkolah. Dan ukoll fejn si tratta minn perizja ta' espert nominat mill-Qorti. Ara Artikolu 681, Kapitolu 12;

Naturalment, l-attur appellanti jinsisti anke f'dan l-istadju fuq il-presuppost tal-kolpa fil-konvenut appellat in bazi ghall-gudizzju espress mill-espert tieghu u dik tar-rispondenza inadegwata tax-xoghlijiet ghar-regoli ta' l-arti u tat-teknika tajba. Gustament, pero`, it-Tribunal, filwaqt li

ha konjizzjoni ta’ dak il-fatt kostitwit minn rapport ta’ l-espert, ma dehrlux li kellu jizolah mill-kumplament tal-provi, l-aktar tal-fatti stabbiliti illi l-attur qabbad mastrudaxxa iehor biex jaghmillu certu xoghlijiet biex ivara l-boat tieghu u, maggorment, illi l-attur, meta kellu l-gharfien shih u komplet ta’ l-ezistenza ta’ dawk il-vizzji, minflok ma ghadda ghar-riparazzjoni u/jew ir-rimpjazzament taghhom permezz tat-tielet mastrudaxxa li hu jghid li inkariga ghal dak l-iskop, u li kif kellu kull dritt jaghmel anke skond il-principju generali tad-dritt ukoll minghajr l-awtorizzazzjoni tat-tribunal, ghazel minflok li jzomm ix-xoghlijiet fl-istat kif hallihom il-konvenut u baqa’ jaghmel uzu mill-boat. Dan ghaliex, kif mistqarr *expressis verbis* in kontro-ezami “tlift xi ftit ta’ interess ghax issa umbrajtha” (fol. 71, seduta 2 ta’ April, 2008). Il-Qorti tahseb illi din il-kondotta ta’ l-appellanti ma tistax ma tassumix is-sinjifikat, attiz li x-xoghlijiet saru fl-2006, illi, ghat-trapass taz-zmien u l-inattivita` tieghu, l-appellanti, nonostante dak kollu li negattivament inghad fir-rapport ta’ l-espert tieghu, accetta tacitament dawk l-istess xoghlijiet, f’liema kaz, l-effett ta’ dik l-accettazzjoni ghandha tissarraf fil-konkluzjoni illi ma kienx hemm, fil-fattispeci, dik ir-raguni valida ghall-hall tal-kuntratt u ghar-rikjam tad-danni li jippreciza wkoll l-Artikolu 1640 (3) tal-Kapitolu 16 ghaliex l-appellanti-kommittent assuma fuqu l-passagg tar-riskju ghal dawk ix-xoghlijiet allegatament difettuzi;

Taht dan il-profil din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi l-konsiderazzjoni appena maghmula u dik tat-Tribunal qabilha ma tista’ qatt tissostitwixxi l-konstatazzjoni teknika ta’ l-espert tieghu. Anzi l-Qorti tazzarda tghid, u kif ragonevolment hekk tissuspetta, illi l-opzjoni ta’ l-attur ghal konsegwiment tad-danni kienet x’aktarx mahsuba biex tinnewtralizza kull pretiza tal-konvenut ghall-hlas ta’ xoghlu, ossija biex wiehed jissellef minn dak iddikjarat mill-konvenut fl-Affidavit tieghu b’referenza ghal diskors ta’ theddid mill-appellanti illi “l-flus minn demmi kien ser jehodhom” (fol. 46). Dwar dan ma saret ebda zmentita mill-appellanti. Ghamel sewwa t-Tribunal f’din il-qaghda u bl-espressjoni tal-fehma tieghu illi “mhux talli l-attur ma hu intitolat ghall-

ebda rifuzjoni izda se mai huwa l-istess konvenut li ghandu jew kellu l-jedd li jitlob li jithallas ghal valur tax-xoghol minnu debitament esegwit". Dan ukoll in sintonija ma' dak provvdut fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 1640, Kodici Civili.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------